23 ta' Novembru, 1956

**Imħallfin:**

**Is-S.T.O. Sir L.A. Camilleri, Kt., LL.D., President;**
**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M. LL.D.;**
**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Robert Biasini ne. *versus* Gaetano Mifsud

**Bejgħ ta' Ħaxix — Regolamenti dwar il-Bejgħ ta' Prodotti tal-Biedja — Użu — Direttur tal-Biedja — G.N. 360/1952.**

*Skond l-użu li daħal fil-bejgħ u xiri ta' ħaxix, il-prodotti li fil-bejgħ jittieħdu u jintiżnu fil-pitkalija huma kunsidrati bħala mibjugħa fil-pitkalija, u l-prezz jitħallas fil-pitkalija. U skond ir-regolamenti, il-pitkal ma jistax jitħallas tal-prodotti tal-biedja mibjugħin minnu, u d-Direttur tal-Biedja jista' jinnomina skrivani biex joħorġu l-kontijiet sew lis-sidien kemm ukoll lix-xerrejja tal-prodotti tal-biedja mibjugħin f'irkant mill-pitkal, u jagħmel u jieħu ħlasijiet ta' hekk; u ebda persuna jew persuni ma jistgħu jixtru jew ibiegħu prodotti tal-biedja minn ċentru tal-bejgħ ħlief f'irkant publiku.*

*Jekk, però, il-kumpratur ikun xtara permezz tal-pitkalija xi ħaxix, imma ma jkunx xtraħom b'irkant publiku, dak il-bejgħ ma jaqgħax taħt dawk ir-regolamenti, għax ma sarx b-irkant publiku; u għalhekk l-azzjoni għall-ħlas tal-prezz ta' dak il-ħaxix kontra x-xerrej ma tmissx lid-Direttur tal-Biedja, imma lill-bidwi sid i..prodott.*

Il-Qorti;—Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ, li biħ l-attur nomine, wara li ppremetta li hu, fil-kwalità premessa, biegħ u kkonsenja lill-konvenut 3215 il-ratal kaboċċi bil-prezz ta' xelin il-wiżna, u begħlu u kkonsenjalu wkoll prodotti agrikoli oħrajn bil-prezz ta'

£1. 16. 7; talab li, premessi d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u mogħtija l-provvedimenti opportuni, il-konvenut jiġi kundannat iħallas lilu s-somma ta' £32. 3. 0, prezz ta' kaboċċi fuq imsemmija, u s-somma ta' £1. 16. 7, prezz tal-prodotti agrikoli l-oħra fuq riferiti. Bl-ispejjeż, komprizi dawk tal-ittri uffiċjali tad-29 ta' Lulju 1955 u tat-13 ta' Marzu 1956;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li ssottometta illi huwa ma akkwistax kaboċċi minn għand l-attur nomine, imma minn għand il-gabillott, u dawn il-kaboċċi kienu mħassra. Ammetta li mid-Dipartiment tal-attur xtara l-prodotti l-oħra bil-prezz ta' £1. 16. 7;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tal-21 ta' Ġunju 1956, li biha ġiet milqugħa t-talba tal-attur, bl-ispejjeż kontra l-konvenut; billi dik il-Qorti kkunsidrat;

*Omissis;*

Rat in-nota tal-appell tal-konvenut;.......................;

Rat il-petizzjoni tal-konvenut appellant, li talab li s-sentenza appellata tiġi revokata kwantu għall-kap appellat, i.e. relattiva għas-somma ta' £32. 3. 0, prezz ta' kaboċċi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi rriżulta li l-konvenut appellant xtara kwantità ta' kaboċċi ta' Ġanni Bugeja mlaqqam "Ta' Zellic", wara li ġie meħud jarahom fl-għalqa minn impjegat tal-pitkalija. L-appellant ma ħallasx mal-konsenja; u meta ħa l-kaboċċi għan-Navy, biċċa minnhom ġew rifjutati u spiċċaw mormija bħala ta' kwalità u kondizzjoni mhix aċċettabbli; u għalhekk l-għada l-appellant irrofta l-"voucher" tal-pitkalija u ma riedx iħallas il-prezz. F'dil-kawża qiegħed jiċħad l-azzjoni lill-attur, li huwa d-Direttur tal-Biedja;

Ikkunsidrat;

Illi l-bejgħ u xiri tal-ħaxix mill-gabillotti u l-bejjiegħ huma regolati mir-Regolamenti tal-1952 dwar il-Bejgħ ta' Prodotti tal-Biedja, maħruġa bin-Notifikazzjoni tal-Gvern

numru 360 tal-1952, bis-saħħa tas-sezzjoni 3 tas-"Supplies & Services Act, 1947" (Att IV tal-1947);

Illi, skond l-użu li daħal fil-bejgħ tal-ħaxix, il-prodotti li fil-bejgħ jittieħdu u jintiżnu fil-pitkalija huma kunsidrati bħala mibjugħa fil-pitkalija, u l-prezz jitħallas fil-pitkalija. Dana jirriżulta minn provi li nstemgħu fil-kawża. Skond l-art. 8 (g) tar-Regolamenti fuq imsemmija, il-pitkal ma jistgħax jitħallas tal-prodotti tal-biedja mibjugħa minnu; u skond l-art. 13 (a) tal-istess Regolamenti, id-Direttur tal-Biedja jista' jinnomina skrivani biex joħorġu kontijiet sew lis-sidien kif ukoll lix-xerrejja tal-prodotti tal-biedja "mibjugħin f'irkant" minn pitkal, u jagħmel u jieħu ħlasijiet ta' hekk. L-art. 9 (1) mbgħad jgħid li ebda persuna jew persuni ma jistgħu jixtru jew ibiegħu prodotti tal-biedja minn ċentru tal-bejgħ ħlief fl-irkant publiku;

**Ikkunsidrat;**

Illi, fil-każ in eżami, l-appellant xtara per mezz tal-pitkalija l-kaboċċi, peress li dawn ġew meħuda u ntiżnu hemmhekk, u għalhekk f'ċentru tal-bejgħ; iżda ma ġewx mixtrija b'irkant publiku, u għaldaqstant ma kienx jidħol fid-dmirijiet tal-iskrivan imqabbad taħt l-art. 13 tar-Regolamenti li jiġbor il-ħlas. Mill-banda l-oħra, ebda regolament minn dawk fuq imsemmija ma jawtorizza lid-Direttur tal-Biedja li jeżiġi u jirċievi l-ħlas tal-prodotti tal-biedja. Għaldaqstant, la l-pitkal huwa prekluż, u l-iskrivan, skond ir-Regolamenti, għandu biss il-fakoltà li jagħmel u jirċievi l-ħlas tal-prodotti mibjugħa b'irkant, jiġi li fil-każ ta' bejgħ mhux b'irkant lill-kuntrattur, l-azzjoni tmiss biss lill-bidwi sid il-prodott, u mhux lid-Direttur tal-Biedja; u għalhekk l-attur ma għandux azzjoni kontra l-konvenut appellant. U la darba huwa hekk, il-Qorti ma għandhiex għalfejn tinvestiga l-kwistjoni jekk il-kaboċċi kienux f'kondizzjoni u ta' kwalità tajba inkella le;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tilqa' l-appell tal-konvenut, tirrevoka s-sentenza appellata fil-kap devolut, u tiċħad it-talba tal-attur relattiva għas-somma ta' £32. 3. 0, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu, barra dawk tal-

ewwel istanza relattivi għat-talba tas-somma ta' £1. 16. 7, li ma ġietx appellata.